MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-4 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 13/2001/1

Tasika Auto Limited .

vs

Roger u Antoinette konjuġi Portelli .

Il-Qorti ,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha s-soċjeta' attriċi, wara li ppremettiet :

Illi s-soċjeta' attriċi fi tlett okkażżjonijiet differenti għamlet xogħol ta' service, bdil ta' magna u xogħol ieħor relatat fuq il-vettura tal-konvenuti u dan kif jirriżulta mit-tlett invoices li qed jiġu annessi bħala Dok TS 1, TS 2 u Dok TS 3 ;

Illi l-ammont totali dovut għal dawn ix-xogħlijiet huwa ta' elf mitejn u tmienja u tletin lira Maltin u erbgħa u sebgħin ċenteżmu (Lm1238.74c) ;

Illi l-konvenuti minkejja diversi promessi li ser iħallsu kif ukoll minkejja diversi interpellazzjonijiet sal-lum baqgħu ma ħallsu xejn minn dan l-ammont .

Talbet lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti :

1. Tiddikjara illi l-konvenuti għandhom iħallsu s-somma ta' elf mitejn u tmienja u tletin lira Maltin u erbgħa u sebgħin ċenteżmu (Lm1238.74c) lis-soċjeta' attriċi għal xogħol li sar fuq inkarigu tagħhom li jirriżulta mill-irċevuti annessi .

2. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex iħallsu lis-soċjeta attriċi s-somma ta' elf mitejn u tmienja u tletin lira Maltin u erbgħa u sebgħin ċenteżmu (Lm1238.74c bl-imgħaxijiet skond il-Liġi .

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-konvenuti għas-subizzjoni li għaliha minn issa qed jiġu mħarrka .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tas-soċjeta' attriċi debitament ikkonfermata bil-ġurament ta' Carmel Camilleri .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li eċċepew illi :

1. In linea preliminari l-intempestivita' ta' l-azzjoni attriċi billi bejn l-istess partijiet u dwar l-istess oġġett ġia' hemm kawża pendenti quddiem din l-istess Qorti fl-ismijiet inversi (Ċitaz. Numru 02/01) minħabba li l-magna li ġiet mibdula mis-soċjeta' attriċi fil-vettura tal-eċċipjenti mhijiex tal-kwalita' pattwita, u għaldaqstant l-kawża mis-soċjeta' attriċi għal ħlas tal-prezz tal-magna saret intempestivament ;

2. Illi bla preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni, din il-Qorti ma tistax tieħu konjizzjoni tal-azzjoni attriċi qabel ma tiġi definittivament il-kawża surreferita li hemm bejn l-istess partijiet fl-ismijiet inversi (Ċitaz. Numru 02/01), u għaldaqstant din il-Qorti għandha tissoprrassjedi din il-kawża sakemm jiġi deċiż definittivament l-eżitu tal-kawża l-oħra ;

3. Illi fil-mertu u bla preġudizzju għall-ewwel żewġ eċċezzjonijiet, l-ammont pretiż mis-soċjeta attriċi huwa esagerat ;

4. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuti maħlufa minn Roger Portelli .

Rat il-verbal tal-kontendenti ta' l-24 ta' April 2001 fejn qablu illi, peress li l-kawża ċitazzjoni numru 2/2001 fl-ismijiet inversi, pendenti quddiem din il-Qorti wkoll, kienet konnessa mal-kawża preżenti, dawn il-kawżi kellhom jinstemgħu kontestwalment u l-provi f'kawża waħda jkunu jgħoddu għall-kawża l-oħra wkoll .

Rat il-verbal tagħha tat-28 ta' Ottubru 2005 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza .

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda prodotti u d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawża s-soċjeta' attriċi qed titlob mingħand il-konvenuti l-ħlas għal xogħol ta' *service*, bdil ta' magna u tiswijiet oħra mwettqa fuq il-karozza tal-konvenuti . Dwar dan il-ħlas ġew esebiti tliet *invoices* għall-ammont mitlub[1] .

Dwar il-fatturi għall-ammont ta' Lm257.47 u Lm20.56 ma jidhirx illi hemm ebda kontestazzjoni . Il-konvenut Roger Portelli aċċetta illi dawn tassew kienu jirrappreżentaw xogħol illi sar fuq il-karozza tiegħu u ma kienx għadu ħallashom sempliċement minħabba illi kien hemm kwistjoni bejn il-kontendenti dwar it-tielet kont, u ċioe' dak

[1] Dokt. TS 1, TS 2 u TS 3 esebiti flimkien maċ-ċitazzjoni .

li jirreferi għall-bdil ta' magna li sar mis-soċjeta' attriċi fuq l-istess karozza[2] .

Ġie allegat mill-konvenuti illi l-magna li tpoġġiet mill-impjegati tas-soċjeta' attriċi minflok dik li l-atturi kellhom fil-karozza tagħhom ma kienitx tal-kwalita' pattwita . Infatti dwar din il-kwistjoni l-konvenuti preżenti kienu ġia ntavolaw kawża ad hoc quddiem din il-Qorti wkoll[3] .

Permezz ta' sentenza oħra ta' llum stess, din il-Qorti ddeċidiet illi l-konjugi Portelli ma kellhomx raġun fil-pretensjonijiet tagħhom u għalhekk ċaħdet it-talbiet tagħhom . Jiġi għalhekk illi issa ma jista' jkun għad baqa' ebda raġun għaliex is-soċjeta' attriċi tibqa' mċaħħda minn dak li hu dovut lilha . Il-ħlas li qed tippretendi jirrapreżenta xogħol u spejjeż in konnessjoni ma' xogħol mekkaniku li rriżulta li tassew sar skond l-arti u s-sengħa fuq inkarigu tal-konvenuti fuq il-karozza tagħhom u għaldaqstant l-ammonti indikati fuq il-fatturi esebiti huma kollha ripettibbli .

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' it-talbiet attriċi u :

1. Tiddikjara illi l-konvenuti għandhom iħallsu s-somma ta' elf mitejn u tmienja u tletin lira maltija u erbgħa u sebgħin ċenteżmu (Lm1238.74) lis-soċjeta' attriċi għal xogħol li sar fuq inkarigu tagħhom, kif jirriżulta mill-fatturi annessi maċ-ċitazzjoni; u konsegwentement

2. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex iħallsu lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' elf mitejn u tmienja u tletin lira maltija u erbgħa u sebgħin ċenteżmu (Lm1238.74) .

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet mid-dati tal-fatturi relattivi sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti .

---

[2] ara depożizzjoni ta' Roger Portelli a fol. 49 51 tal-process .
[3] Citaz. 2/2001 fl-ismijiet : Roger Portelli et. vs. Tasika Auto Limited .

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------